**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Novembru 2017**

**Kawza Nru. 10**
**Rikors Nru. 895/16 JZM**

**Fl-atti tar-rikors ghall-ftuh ta` Konkors ta` Kredituri fl-ismijiet :**

**Nicholas Pace**

**vs**

**Nisso Limited (C33277)**

**vs**

**Unibuild Company Limited (C19011)**

**Il-Qorti :**

**Dan huwa provvediment dwar kif ghandu jigi regolat il-procediment tal-lum stante li bi provvediment ta` din il-Qorti tat-30 ta` Mejju 2017 kienet xjolta s-socjeta` Unibuild Company Limited (C19011) u kien ordnat l-istralc taghha, liema stralc ghandu mhux konkluz.**

**Ikkunsidrat :**

Illi r-rikors bit-talba ghax-xoljiment u ghall-istralc ta` Unibuild Company Limited kienipprezentat fit-30 ta` Mejju 2016.

Illi r-rikors ghall-ftuh tal-konkors odjern kien ipprezentat fis-6 ta` Ottubru 2016.

Illi Unibuild Company Limited kienet dikjarata xjolta u kien ordnat l-istralc taghha bi provvediment ta` din il-Qorti tat-30 ta` Mejju 2017 fil-kawza fl-ismijiet : _*Ballut Block Services Ltd vs Unibuild Company Limited (Rik. Nru. 430/2016 JZM)*_.

Illi kien mahtur ir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju, u l-istralc qed jitmexxa taht il-kontroll tal-qorti.

**Ikkunsidrat :**

Illi huwa principju ewlieni tad-dritt li jirregola dan il-qasam illi ebda kreditur m`ghandu jikseb vantagg fuq kredituri ohra meta d-debitur ma jkollux bizzejjed assi biex ihallas id-dejn kollu tieghu. Il-principju *par condicio creditorum* ghandu applika kemm fil-kamp tal-falliment hekk kif regolat bil-Kap 13, kif ukoll fil-kaz tal-insolvenza hekk kif regolata bil-Kap 386.

Illi tant hu hekk illi fid-decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-16 ta` Marzu 2012 (ikkonfermata b`decizjoni tal-Qorti tal-Appell td-9 ta` Novembru 2012) fil-kawza **Av. Mark Refalo noe vs European Insurance Group Limited** inghad hekk :-

> *"Din il-Qorti tqis li ma ghandhiex tintrabat mal-kliem ad letteram tal-artikolu 222 tal-Kap. 386 li fost affarijiet ohra hu mqieghed mal-provvediment ta` stralc ordnat mill-Qorti izda ghandha thares principalment ghal principju regolatur ta` kull stralc kemm volontarju u kemm koatt bhal ma hu dan il-kaz cioe li l-iskop tieghu hu li jingabru l-assi kollha, jithallsu d-djun u jekk jibqa` xi haga titqassam fost l-azzjonisti. L-iskop principali li jingabru l-assi hu sabiex l-istralcjarju, fil-fazi li tinbeda l-procedura ta` stralc, ikollu f`idejh il-kontroll tal-assi u jkun marbut li jiddisponi minn dawk l-assi skont min ghandu dritt ghalihom cioe l-kredituri u skond il-gradwazzjoni li tippermetti l-ligi. Dan kollu sabiex jigu protetti l-kredituri kollha indistintament taht il-kappa tal-par condicio creditorum.*

*Ikun ingust u kontra l-principji ta` stralc illi semplicement ghax kreditur ghandu titolu ezekuttiv favur tieghu, jkun jista` juza l-mezzi ta` ezekuzzjoni meta hemm stralc..”*

Illi din il-Qorti kif presjeduta kienet rinfaccjata b`sitwazzjoni simili ghal din tal-lum fil-procediment fil-kaz ta` **Michael Debono vs X** li kien deciz fit-12 ta` Jannar 2016

Illi l-kaz kien jittratta konkors ta` kredituri dwar diversi cedoli ta` depoziti li kienu saru kemm a favur ta` M.A. Supermarkets Limited u kif ukoll a favur ta` Michael Debono proprio u bhala garanti ta` M.A. Supermarkets Limited. Fiz-zmien tal-prezentata ta` t-talba biex isir il-konkors ta` l-kredituri, il-kumpannija M.A. Supermarkets Limited kienet tinsab diga` xjolta u kien qed isir l-istralc taghha. Il-Qorti cahdet it-talba ghall-ftuh ta` l-konkors dwar cedola ta` depozitu li kienet tirrigwarda M.A. Supermarkets Limited filwaqt li laqghet it-talba fir-rigward ta` edoli ta` depozitu li kienu jirrigwardaw lil Michael Debono de proprio.

Illi l-Qorti ghamlet dawn l-osservazzjonijiet :-

*“Il-procedura tal-lum hija limitata ghal Michael Debono de proprio bhala garanti personali ta` M.A. Supermarkets Limited u mhux ghal li jirrigwarda lil M.A. Supermarkets Limited, billi c-cedoli ta` depozitu riferibbli ghal M.A. Supermarkets Limited sejrin jigu trattati fil-kors tal-procediment ta` stralc tal-kumpannija li huwa pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Billi c-cedola ta` depozitu bin-numru 581/2003 tirrigwarda M.A. Supermarkets Limited, il-Qorti mhijiex sejra taghtiha konsiderazzjoni ghall-fini tal-procediment tal-lum. Ghandu jigi rilevat ukoll li s-somma li kien hemm depozitata permezz ta` dik ic-cedola giet irtirata minn Savemart Company Limited.*

*Il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-kwistjoni tal-legittimita` o meno ta` dak l-izbank stante li jirrigwarda M.A. Supermarkets Limited.*

*Jekk ikun il-kaz, il-materja tinghata konsiderazzjoni fil-kors tal-procediment ta` stralc fuq riferit.”*

*Il-Qorti qeghda taghmel il-posizzjoni cara fis-sens illi fil-procediment tal-lum hija sejra tqis il-konkors ta` kredituri ta` Michael Debono de proprio ghar-cedoli ta` depoziti li jirrigwardaw lilu bhala garanti personali ta` M.A. Supermarkets Limited."*

Illi fil-fehma ta` din il-Qorti, dak li jinghad fil-Kap 386 dwar il-procedura ta` stralc ta` kumpanniji huwa ligi specjali li tipprevali fuq id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 li jirregolaw kif ghandu jigi kondott konkors ta` kredituri.

Illi anke ghall-kaz tal-lum ghandu jghodd il-principju illi *lex specialis derogat legi generali* anke sabiex ikun zgurat l-applikazzjoni tal-principju *par condicio creditorum.*

**Ikkunsidrat :**

Illi tenut kont tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tissoprassjedi fil-procediment tal-lum fis-sens illi l-procediment tal-lum ghandu jieqaf sakemm ikun konkluz l-istralc ta` Unibuild Company Limited.

Illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna hija konkordi fis-sens illi s-soprasessjoni huwa rimedju eccezzjonali peress li jiffrena kawza u jzommha milli tkun deciza bi speditezza fi zmien ragjonevoli. (ara : **Dott. Alfred Mifsud v. Onor. Prim Ministru** - Qorti Kostituzzjonali - deciza fl-20 ta` Lulju 1994).

Illi din il-Qorti tikkondividi l-principju li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (Kollez Vol XLI.I.507 ; u Qorti Kostituzzjonali – "**Lawrence Cuschieri vs Onor Prim` Ministru**" – 12 ta` Awissu 1994).

Illi provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti (ara : Appell Civili : 23 ta` Gunju 1869 : **German et vs Scicluna et** : Kollez. Vol. V. 157) : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 23 ta` Jannar 1946 : **Bugeja vs Zammit** : Kollez. Vol. XXXII.ii.197 ; Appell Kummercjali : 26 ta` Marzu 1984 : **Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttigieg et noe**).

Illi provvediment dwar sorprasessjoni jitqies ta` natura interlokutorja u allura ma jorbotx lill-qorti li tkun tat dak il-provvediment jekk tinsorgi l-htiega li

tibdel il-fehma taghha aktar `il quddiem, jekk tintwera raguni tajba biex dan isir (ara : Appell Civili : 22 ta` Mejju 1989 : **Mallia et vs Bezzina et** : Kollez. Vol. LXXIII.ii.338).

Illi l-qrati taghna accettaw illi jakkordaw is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta s-soprasessjoni tkun spedjenti.

Illi kazi bhal dawn kienu : Kollez. Vol. XXXIX.I.467, Appell Civili, "**Cassar vs Xuereb**" tat-12 ta` Marzu 1973, fejn inqalghet kwistjoni li d-decizjoni kienet tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu ta` kawza ; fejn ikun irid jigi deciz punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta (ara : **Joseph Gaffarena et vs Mixer Concrete Works Limited et** : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 27 ta` Mejju 2005 ; u **Azzopardi vs Critien pro et noe** : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 12 ta` April 1962)

Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza "**Degaetano vs Galea et noe**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :

> *"Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista` jiddependi mill-ezitu ta` kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta` din id-dipendenza*".

Illi l-ezerċizzju tad-diskrezzjoni mitluba mill-gudikant tiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari u speċjali ta` kull kaz.

Illi l-qrati taghna rritenew illi qorti m`ghandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun sejra tbaghti pregudizzju. ( ara : **Amber Properties Limited vs Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited :** Prim`Awla tal-Qorti Civili : 25 ta` Marzu 2013).

Illi b`zieda mal-premess, tajjeb jinghad illi s-soprasessjoni tista` tigi sollevata *ex officio*.

Illi fis-sentenza **Gatt v. Debono et** deciza fit-2 ta` Frar 1990, din il-Qorti diversament ippreseduta qalet hekk :-

> *"Kull meta l-ligi tobbliga lill-Qorti li tissolleva l-kwistjonijiet ta` ordni pubbliku li jirrigwardaw generalment id-dritt procedurali jew organizattiv, dawn ikunu diga` car (sic) bizejjed biex jigu infatti hekk sollevati u jkun diga` fuori discussione."*.

Illi din il-Qorti diversament ippreseduta fil-provvediment illi tat fil-5 ta` Ottubru 2017 fil-kaz ta` **Joseph Attard et vs Mario Attard** et ma kenitx_sabet illi l-eccezzjoni ta` *lis alibi pendens* kienet fondata izda sabet illi l-esitu ta` dik il-kawza kien jiddependi mill-esitu ta` kwistjoni li kienet pendent quddiem il-Qorti tal-Appell. Saret riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tal-21 ta` Jannar 2016 fil-kawza **John Debono et vs Mario Buhagiar et**, fejn inghad hekk :-

> *"Ghal bosta snin, il-qrati taghna sabu li t-twaqqif ta` smigh ta` kawza biex tistenna l-ezitu ta` kawza ohra li diga` tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eccezzjonali huwa rakkomandat biss fil-kaz meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu bilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf".*

Illi dik il-Qorti cahdet l-eccezzjoni ta` *lis alibi pendens* izda fl-istess waqt *ex officio* ordnat is-sospensjoni tal-procediment pendenti l-ezitu finali tal-kawza li kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell,

**Ikkunsidrat :**

Illi fl-isfond tal-premess, din il-Qorti ssostni l-fehma taghha illi l-procedura odjerna ghandha tibqa` sospiza sakemm tkun trattata u konkluza l-procedura ta` stralc ta` Unibuild Company Limited.

Illi ghalhekk jispetta lil kull kreditur ta` Unibuild Company Limited illi jiehu interess dirett f` dak l-istralc sabiex jittutela l-interessi tieghu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tiddifferixxi *sine die* l-konkors tal-krredituri tal-kumpannija Unibuild Company Limited fl-ismijiet premessi.**

**Tenut kont ta` dak illi jipprovdi l-Art 964 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda taghti lill-kredituri, li kienu ammessi bhala konkorrenti ghall-gid ta` Unibuild Company Limited fil-procediment tal-lum, sabiex jitolbu li l-konkors odjern jigi riappuntat b`effett mid-data tal-gheluq tal-istralc tal-kumpannija Unibuild Company Limited.**

**L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**